PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 23

L-Erbgħa, 14 t'Ottubru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

KUMPANIJI MULTINAZZJONALI AMERIKANI – TAXXI MĦALLSA

270. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu fondi fit-Teżor minn taxxa mħallsa minn kumpaniji multinazzjonali Amerikani matul l-aħħar ħames snin?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-analiżi tal-informazzjoni disponibbli mill-formoli tat-taxxa mibgħuta, jirriżulta li t-taxxa ddikjarata fil-formola tat-taxxa kienet skont it-tabella li ġejja:

Sena	Taxxa ddikjarata fil-formola tat-taxxa (€)
2020	24,735,734
2021	64,574,734
2022	64,020,093
2023	58,385,378
2024	118,046,491

L-ammonti indikati jirrappreżentaw biss it-taxxa ddikjarata mill-entitajiet kostitwenti Maltin identifikati permezz tan-notifikazzjonijiet DAC4. Din it-taxxa hija dovuta skont il-liġijiet fiskali Maltin u tirrifletti l-attivitajiet u s-sustanza ekonomika tal-entitajiet rispettivi f'Malta.

Għall-finijiet ta' din il-mistoqsija, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana interpretat il-kliem "kumpaniji multinazzjonali Amerikani " bħala li jirreferi għal gruppi multinazzjonali li għandhom l-Ultimate Parent Entity residenti fl-Istati Uniti tal-Amerka u li huma suġġetti għar-rappurtar Country-by-Country taħt id-DAC4, jiġifieri gruppi b'dħul konsolidat annwali ta' mill-inqas €750 miljun.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KUMPANIJI MULTINAZZJONALI – REGOLI FISKALI TA' MALTA – KOMUNIKAZZJONI/TĦASSIB

271. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern Malti rċeviex xi komunikazzjoni jew tħassib minn awtoritajiet Amerikani jew Ewropej dwar ir-regoli fiskali ta' Malta relatati ma' kumpaniji multinazzjonali?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern Malti, permezz tal-awtoritajiet kompetenti, iżomm djalogu kontinwu ma' awtoritajiet internazzjonali, fosthom dawk Ewropej u Amerikani, u dan dwar diversi aspetti tar-regoli fiskali u żviluppi relatati ma' kumpaniji multinazzjonali partikolari.

F'dan il-kuntest, Malta hija impenjata li tosserva l-obbligi tagħha taħt il-qafas tal-Unjoni Ewropea u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, fosthom l-OECD. Kull komunikazzjoni li ssir f'dan l-ambitu ġeneralment tkun parti minn dan il-proċessi kontinwu ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni, u ma tiġix meqjusa bħala xi forma ta' azzjoni straordinarja jew separata.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KUMPANIJI MULTINAZZJONALI – STRUTTURI FISKALI – SKRUTINJU/REVIŻJONI

272. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Malta kinitx suġġetta għal xi skrutinju jew reviżjoni minn istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali minħabba l-istrutturi fiskali relatati ma' kumpaniji multinazzjonali?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Malta, bħall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea u membri ta' fora internazzjonali rilevanti, hija soġġetta għal diversi mekkaniżmi ta' skrutinju u reviżjoni regolari fir-rigward tal-qafas tagħha ta' tassazzjoni, inklużi aspetti relatati ma' kumpaniji multinazzjonali.

Dawn ir-reviżjonijiet isiru, fost l-oħrajn, fil-kuntest ta' proċessi tal-Unjoni Ewropea bħall-valutazzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tan-Negozju, kif ukoll permezz ta' inizjattivi globali taħt l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), inklużi peer reviews dwar l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali relatati mat-trasparenza u kontra l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitti (BEPS).

Il-Gvern Malti jikkoopera b'mod sħiħ ma' dawn il-proċessi u jkompli jadatta u jaġġorna l-qafas leġiżlattiv u amministrattiv tiegħu fejn meħtieġ, sabiex jiġi żgurat allinjament mal-istandards internazzjonali u Ewropej, filwaqt li tinżamm il-kompetittività u l-integrità tas-sistema fiskali Maltija.

F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-parteċipazzjoni f'dawn il-proċessi ta' skrutinju hija parti normali mill-obbligi ta' Malta bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u bħala membru ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, u ma tindikax b'mod partikolari xi nuqqasijiet speċifiċi lil hinn minn dak li jiġi identifikat u indirizzat fil-kuntest ta' dawn il-proċessi stess.

Seduta Numru 23
14/10/2026

LIĠIJIET FISKALI

273. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux intenzjoni jemenda jew isaħħaħ il-liġijiet fiskali sabiex jipprevjeni l-użu ta' kumpaniji "letterbox" jew entitajiet mingħajr attività ekonomika reali?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern jibqa' impenjat b'mod kostanti li jiżgura li l-qafas fiskali u regolatorju ta' pajjiżna jkun robust, trasparenti u konformi mal-istandards Ewropej u internazzjonali.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li Malta diġà implimentat numru ta' miżuri, kemm fil-qasam tat-taxxa kif ukoll f'dak regolatorju, li jindirizzaw il-kwistjoni ta' entitajiet mingħajr sustanza ekonomika reali. Dawn il-miżuri jinkludu, fost oħrajn, regoli relatati mal-beneficial Ownership, rekwiżiti ta' rapportar u obbligi ta' konformità skont direttivi Ewropej u standards tal-OECD.

Il-Gvern qed ikompli jsegwi mill-qrib l-iżviluppi fuq livell Ewropew u internazzjonali, inklużi inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ tar-regoli kontra l-użu ħażin ta' strutturi legali. F'dan is-sens, il-pożizzjoni tal-Gvern hija li jkompli jtejjeb u jaġġorna l-qafas leġiżlattiv fejn meħtieġ, filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm bilanċ xieraq bejn l-integrità tas-sistema fiskali u l-kompetittività tas-settur ekonomiku.

Għalhekk, kull proposta għal emendi ulterjuri f'dan il-qasam tiġi evalwata bir-reqqa fuq bażi kontinwa, fid-dawl tal-obbligi internazzjonali ta' Malta u fl-interess li jiġi mħares l-użu ġust u trasparenti tas-sistema fiskali

Seduta Numru 23
14/10/2026

KUMPANIJI REĠISTRATI F'MALTA – DĦUL/PROFITTI

274. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija reġistrata f'Malta m'għandhomx impjegati iżda tirrapporta dħul jew profitti ta' aktar minn €10 miljun fis-sena?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-analiżi tal-informazzjoni disponibbli mill-formoli tat-taxxa mibgħuta, jirriżulta li kien hemm 81 kumpanija reġistrata f'Malta li m'għandhiex impjegati u li ddikjarat dħul taxxabbli f'Malta li jaqbeż l-€10 miljun.

Nixtieq nirrimarka li in-numru ta' impjegati li entità tirrapporta f'ġurisdizzjoni partikolari ma jippermettix, waħdu, sabiex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar il-funzjonijiet, l-attivitajiet jew il-pożizzjoni fiskali tagħha. Ma jkunx opportun, għalhekk, li minn indikaturi jew elementi iżolati jinġibdu riżultati dwar kategoriji partikolari ta' entitajiet jew gruppi multinazzjonali.
Għaldaqstant, il-Gvern iqis li kwalunkwe konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ta' din in-natura għandha ssir bil-prudenza meħtieġa, filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-fatti, iċ-ċirkostanzi u l-kuntest rilevanti kollha, sabiex jiġu evitati konklużjonijiet jew inferenzi li jistgħu ma jkunux sostnuti mill-kuntest sħiħ tal-fatti.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KUMPANIJI MULTINAZZJONALI – STUDJI/ANALIŻI

275. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull studju jew analiżi li saru mill-Ministeru tal-Finanzi dwar ir-riskju reputazzjonali għal Malta bħala ċentru finanzjarju minħabba l-arranġamenti fiskali għal kumpaniji multinazzjonali?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma sar ebda studju jew analiżi dwar riskju reputazzjonali għal Malta bħala ċentru finanzjarju minħabba l-arranġamenti fiskali għal kumpaniji multinazzjonali.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KARIGI TA' SINDKI U VIĊI SINDKI - NISA

628. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-rappreżentanza tan-nisa meta mqabbla mal-irġiel f'karigi ta' sindki u viċi sindki?

01/07/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li fost it-68 Kunsill Lokali, hemm 23 mara u 113-il raġel li jokkupaw il-karigi ta' Sindku jew Viċi Sindku.

Seduta Numru 23
14/10/2026

FASTIDJU ONLINE BBAŻAT FUQ IL-ĠENERU

629. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni qed tittieħed kontra l-fastidju online bbażat fuq il-ġeneru?

01/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li l-Pulizija, f'kull rapport ta' fastidju online bbażat fuq il-ġeneru, twettaq l-investigazzjoni meħtieġa, tiġbor l-evidenza rilevanti, inkluża evidenza diġitali, u fejn ikun meħtieġ titlob l-assistenza tat-taqsimiet speċjalizzati fi ħdan il-Korp. Fejn jiġi identifikat is-suspettat u jkun hemm evidenza ta' ksur tal-liġi, jittieħdu l-proċeduri legali meħtieġa.

Seduta Numru 23
14/10/2026

UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI – FONDI EWROPEJ

630. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm fondi Ewropej ġew allokati għal proġetti relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri? Jista' jgħid ukoll kemm-il proġett ġie implimentat bl-użu ta' dawn il-fondi?

01/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Fond Soċjali Ewropew plus, b'allokazzjoni ta' aktar minn €204 miljun, fih innifsu huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Fil-preżent, hemm 32 proġett li l-attivitajiet tagħhom jippromwovu l-ugwaljanza u ma jiddiskriminawx bejn il-ġeneri.

Seduta Numru 23
14/10/2026

UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI – RAPPORTI

631. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ġie ppubblikat fl-aħħar ħames snin? Tista' tgħid ukoll liema huma?

01/07/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Nitlob lill-Onor Interpellant tikkjarifika x'tip ta' rapporti qed tirreferi għalihom.

Seduta Numru 23
14/10/2026

GREVIO – RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR L-UGWALJANZA

632. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid liema rakkomandazzjonijiet mill-GREVIO dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għadhom ma ġewx implimentati?

01/07/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO) tal-Kunsill tal-Ewropa, ippubblika l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tematika bit-titlu, Building Trust by Delivering Support, Protection and Justice fis-17 ta' Settembru 2026. Ir-rapport jikkonferma l-impenn tal-Gvern biex tissaħħaħ il-protezzjoni, is-sapport u l-ġustizzja għall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika. L-istess rapport jinnota b'sodisfazzjoni l-progress li sar dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) f'Malta, inkluż ir-riformi leġislattivi u istituzzjonali sinifikanti u l-implimentazzjoni tat-tliet Strateġiji Nazzjonali dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika li huma allinjati mal-erba' pilastri tal-Konvenzjoni.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, Stqarrija tad-DOI li l-Ministeru li jien responsabbli minnu ħareġ b'reazzjoni għal dan ir-rapport (PR261509), ir-rapport ta' evalwazzjoni u l-kummenti li l-Gvern għadda lill-GREVIO għal dan ir-rapport, li kollha jinsabu diġà disponibbli għall-konsum pubbliku.

Seduta Numru 23
14/10/2026

UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI – PROMOZZJONI

633. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-progress li sar matul l-aħħar ħames snin fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'Malta?

01/07/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Matul il-perjodu 2021–2025, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE), bħala parti mill-mandat tagħha, wettqet ħidma kontinwa fil-qasam tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
Matul dawn il-ħames snin, ingħatat attenzjoni partikolari lil oqsma bħall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, id-diskrepanzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel, paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, ir-responsabbiltajiet tal-kura u l-fastidju sesswali, fost oħrajn. Inżid ngħid li l-NCPE żammet komunikazzjoni kontinwa permezz tal-mezzi tax-xandir, u media soċjali.
Fl-istess perjodu ta' żmien, Malta għamlet progress notevoli ukoll kif jixhed il-Gender Equality Index, li qies progress li mis-26 post, Malta telgħet għas-16-il post.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MALTA BUSINESS WALLET – PROĊESSI AMMINISTRATTIVI

772. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew eliminati jew issimplifikati proċessi amministrattivi permezz tal-Malta Business Wallet u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tagħhom?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Business Wallet (MBW) naqset diversi proċessi amministrattivi fosthom:
li l-MBW introduċa l-prinċipju ta' "darba biss" (once-only principle), fejn:
• Sottomissjonijiet ripetuti tal-KYC
• Ezercizzji ripetuti ta' due diligence
• Talbiet ripetuti għal informazzjoni dwar il-pussess tal-kumpanija
• Talbiet ripetuti għal informazzjoni dwar rappreżentanti awtorizzati
• Tlugħ ripetut ta' dokumenti
• Skambji tal-email ripetuti ta' dokumenti ta' compliance
• Tħejjija ripetuta ta' pakketti ta' dokumentazzjoni relatati mal-integrazzjoni u l-konformità

Seduta Numru 23
14/10/2026

MALTA BUSINESS WALLET – KPIS

773. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, il-Key Performance Indicators (KPIs) stabbiliti għall-Malta Business Wallet, u jekk dawn intlaħqux sal-lum u jekk le, sa meta għandhom jintlaħqu? Jista' jgħid ukoll il-livell ta' implimentazzjoni ta' kull KPI sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Business Wallet ġie mniedi f'Mejju li għadda u dan kien akkumpanjat min emendi legali fil-Companies Act (Central Data Repository) Regulations, 2026 li ġew ippubblikati nhar il-15 ta' Mejju 2026 permezz ta' LN 151/2026 u ġew fis-seħħ fl-istess ġurnata permezz ta' LN 152/2026.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MALTA ENTERPRISE – KUMPANIJI – OBBLIGI KUNTRATTWALI

774. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija li bbenefikat minn għajnuna permezz ta' Malta Enterprise matul l-aħħar ħames snin naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, għandu jiġi ċċarat li l-iskemi ta' Malta Enterprise huma, fil-biċċa l-kbira tagħhom, marbuta mal-implimentazzjoni effettiva tal-proġett approvat u ma' nefqa eliġibbli li tkun ġiet effettivament imġarrba u mitluba mill-benefiċjarju. Għaldaqstant, meta proġett approvat ma jiġix implimentat, jew meta l-benefiċjarju ma jkunx ressaq talba għall-ħlas jew għall-kreditu relatat man-nefqa approvata, l-għajnuna ma tkunx effettivament ingħatat.
F'dawn iċ-ċirkostanzi, peress li l-proġett ma jkunx twettaq, Malta Enterprise ma tkunx żborżat fondi fir-rigward tiegħu. L-Ittra ta' Approvazzjoni tiskadi skont it-termini tagħha u titlef l-effett tagħha, b'tali mod li ma jkunx hemm fondi x'jiġu rkuprati mill-Korporazzjoni.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MALTA ENTERPRISE – KLAWSOLI TA' CLAWBACK JEW IRKUPRU TA' FONDI

775. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba Malta Enterprise eżerċitat il-klawsoli ta' clawback jew irkuprat fondi mingħand benefiċjarji matul l-aħħar ħames snin?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Enterprise ma tinkludix klawsoli ta' clawback marbuta mal-kisba ta' riżultati jew deliverables ekonomiċi bħala kundizzjoni tal-għoti tal-assistenza, kif xi drabi jkunu imposti fi proġetti kbar iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. L-iskemi tal-Korporazzjoni huma, ibbażati fuq nefqa eliġibbli li tkun effettivament imġarrba u vverifikata qabel ma tingħata l-għajnuna.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MALTA ENTERPRISE – INVESTIMENTI LI ĠEW APPROVATI

776. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-investimenti li ġew approvati minn Malta Enterprise iżda li sussegwentement ġew irtirati jew ma twettqux, flimkien mar-raġunijiet rispettivi u għaliex ma twettqux?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Enterprise tittratta informazzjoni kummerċjali sensittiva relatata ma' negozji u proġetti ta' investiment u, skont l-Artikolu 21(5) tal-Malta Enterprise Act dwar il-kunfidenzjalità, hija marbuta li tħares il-kunfidenzjalità ta' data li tirrigwarda l-operat tan-negozji u proġetti individwali. Għaldaqstant, il-Korporazzjoni ma tistax tipprovdi informazzjoni dwar proġetti individwali, inkluża kwalunkwe indikazzjoni jekk proġett partikolari ma twettaqx jew ġie rtirat, peress li tali informazzjoni tista' tkun kummerċjalment sensittiva u tista' taffettwa lill-intrapriżi involuti.

Seduta Numru 23
14/10/2026

INDIS – PROPRJETAJIET ALLOKATI GĦAL KULL ŻONA INDUSTRIJALI

777. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetajiet allokati għal kull żona industrijali amministrata minn INDIS, iżda li ilhom mhux operattivi għal aktar minn tnax-il xahar?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Malta Enterprise u INDIS jagħmlu spezzjonijiet regolari sabiex jaraw li l-operaturi li jkunu ingħataw art industrijali ikunu qegħdin jaderixxu mal-obbligi u l-kundizzjonijiet emanenti mill-kuntratt rispettiv, fosthom li l-post ikun attiv. Fejn ikun il-każ l-entità tibda' proċeduri biex il-proprjetà industrijali tittieħed lura.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1224. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1225. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1226. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1227. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tagħha?

13/07/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1228. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1229. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SKEJJEL - STUDENTI

1836. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti f'kull sena tal-iskola, mill-Kindergarten sal-aħħar sena post-sekondarja?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li matul is-sena skolastika li għaddiet, fl-iskejjel statali kien hemm 37,624 student reġistrat, fl-MCAST kien hemm 8,142 student reġistrat, filwaqt li fil-Junior College hemm 2,087 student reġistrat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SKEJJEL - STUDENTI

1837. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti maskili u kemm hemm studenti femminili fis-sistema edukattiva, maqsumin skont il-livell edukattiv?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

	Maskil	Femminil	x
Kinder	3,539	3,276	
Primarja	8,746	7,477	
Medja u Sekondarja	6,726	6,224	4
Post-Secondary	727	903	2
Skejjel tal-knisja	7992	8914	
Skejjel Indipendenti	5025	4166	
MCAST	4475	3665	2
Junior College	869	1218	
L-Università ta' Malta	4642	7367	20

Seduta Numru 23
14/10/2026

EŻAMIJIET TAS-SEC - STUDENTI ELIĠIBBLI

1839. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' studenti eliġibbli biex joqogħdu għall-eżamijiet SEC fis-suġġetti tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza, mis-sena 2000 sas-sena kurrenti?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat, li din it-tabella, tinkludi kemm persuni ta’ etajiet differenti, applikaw u kienu eliġibbli għall-eżamijiet tas-SEC.

SUBJECT	**MAIN**	**SUPPLEMENTARY**
BIOLOGY	1464	231
CHEMISTRY	847	9
ENGLISH LANGUAGE	4571	463
MALTESE	3840	344
MATHEMATICS	4694	941
PHYSICS	3343	471

Seduta Numru 23
14/10/2026

EŻAMIJIET TAS-SEC - STUDENTI - LI RREĠISTRAW

1840. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' studenti li rreġistraw għall-eżamijiet tas-SEC fis-suġġetti tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza, mis-sena 2000 sas-sena kurrenti?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għall-website https://www.um.edu.mt/matsec/reportscommunication/generalstatistics/2026/ Għal kull buon fini ġiet printjata u qed inpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

EŻAMIJIET TAS-SEC STUDENTI LI ATTENDEW

1841. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' studenti li attendew għall-eżamijiet tas-SEC fis-suġġetti tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza, mis-sena 2000 sas-sena kurrenti?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 1840.

Seduta Numru 23
14/10/2026

EŻAMIJIET TAS-SEC - STUDENTI LI GĦADDEW

1842. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru u l-perċentwal ta' studenti li għaddew mill-eżamijiet tas-SEC fis-suġġetti tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza, mis-sena 2000 sas-sena kurrenti?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 1840.

Seduta Numru 23
14/10/2026

REĠISTRU MALTI GĦALL-BASTIMENTI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

1908. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti mar-Reġistru Malti għall-iskrizzjoni ta' vapuri u x'inhi l-medja taż-żmien biex jiġu pproċessati?

20/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Reġistru Malti tal-Bastimenti ma joperax b'lista ta' stennija. Kull applikazzjoni tiġi proċessata minnufih u ladarba d-dokumentazzjoni meħtieġa tkun kompluta u konformi, il-proċess normalment jiġi konkluż fi ftit jiem.

Madankollu, iż-żmien meħtieġ jista' jvarja skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, inkluż il-ħtieġa għal dokumentazzjoni jew informazzjoni addizzjonali, kif ukoll it-tlestija tal-verifiki u l-ispezzjonijiet applikabbli. Għaldaqstant, ma tistax tingħata medja li tirrifletti b'mod preċiż il-każijiet kollha.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IS-SETTUR MARITTIMU – KOMPETITTIVITÀ TAL-PORT MALTI

1909. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru laqgħat mal-operaturi tal-Freeport, aġenti marittimi u rappreżentanti tal-industrija dwar il-kompetittività tal-port Malti matul dawn l-aħħar sentejn?

20/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

L-INDUSTRIJA TAS-SERVIZZI MARITTIMI – PJAN NAZZJONALI

1910. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjan nazzjonali sabiex Malta tattira investiment ġdid fis-settur tas-servizzi marittimi, inkluż ship management, maritime finance u maritime technology?

20/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern għandu viżjoni ċara sabiex Malta tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala ċentru marittimu internazzjonali u tattira aktar investiment lejn dan is-settur.
Il-ħidma f'dan il-qasam qed titwettaq b'mod koordinat fuq diversi livelli, fosthom it-tisħiħ tal-qafas regolatorju u amministrattiv, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi marittimi, l-innovazzjoni u t-teknoloġija, kif ukoll il-ħolqien ta' ambjent kompetittiv li jkompli jattira operaturi u investiment ta' valur miżjud lejn Malta.
Dan jinkludi oqsma bħax-ship management, is-servizzi finanzjarji marbuta mas-settur marittimu u l-maritime technology, fejn il-Gvern ser ikompli jibni fuq il-vantaġġi li Malta diġà għandha bħala ġurisdizzjoni marittima stabbilita u ċentru internazzjonali għas-servizzi marittimi.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR U L-MELLIEĦA – BYPASS – STUDJI DWAR ROTOT ALTERNATTIVI

2021. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1475 dwar studji jew pjanijiet li saru s'issa dwar rotot alternattivi mill-bypass ta' San Pawl il-Baħar lejn il-Mellieħa, jista' l-Ministru jagħti aktar tagħrif fuq kull studju li sar, kif sar u meta sar?

21/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT

2022. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 489, 995 u 1477 u jgħid kemm hemm ħaddiema fis-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku li, skont in-natura tax-xogħol tagħhom, jistgħu jaħdmu b'mod remot, u kemm minnhom diġà qegħdin jaħdmu b'mod remot? Jista' jgħid ukoll jekk dan ix-xogħol remot isirx fuq bażi full-time, part-time jew hybrid?

21/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Filwaqt li għas-Servizz Pubbliku nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 604, rigward l-entitajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, it-tagħrif huwa kif ġej:

Entità	Remote working	Extended Remote working	Teleworking
Aġenzija Servizz.gov	49	1	/
Awtorità tax-Xandir	9	5	/
MITA	82	/	30

Seduta Numru 23
14/10/2026

GĦAR TA' CALYPSO – PROĠETT

2084. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Għar ta' Calypso fix-Xagħra, Għawdex? Jista' jgħid ukoll jekk sarux xi xogħlijiet biex l-għar jiġi ppreservat u jekk iva, jindika x-xogħol li sar s'issa kif ukoll x'tip ta' xogħlijiet huma maħsuba biex dan ma jkomplix jiġġarraf?

22/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

PROĠETT TAL-INTELLIGENT TRANSPORT MANAGEMENT SYSTEM

2104. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 22615, 23010, 23011, 23261 u 27711 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, peress illi issa għaddew diversi xhur, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-proġett tal-Intelligent Transport Management System (ITMS) u meta se jibdew jitħaddmu l-Variable Messaging Signs?

22/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PJAN GĦAL AIRFIELD

2130. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadx hemm il-pjan li ssir airfield fix-Xewkija, Għawdex? Jekk iva, jista' jgħid fiex wasal dan il-proġett u meta huwa mistenni li jitlesta u jibda jopera? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizzi se jkunu qegħdin jiġu provduti?

23/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

GĦAWDEX – TA' XĦAJMA – NEW WATER

2131. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta hemm il-ħsieb li jsiru t-tiswijiet neċessarji fuq in-New Water Dispenser bin-numru G11 li jinsab fl-inħawi ta' Triq ta' Xħajma kantuniera ma' Triq Bordin, f'Għawdex, peress li ilu bil-ħsara għal diversi ġranet?

23/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li d-dispenser li qed issir referenza għalih issewwa u qed jintuża.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KERĊEM – AKKWATI TAL-GĦADIRA – INSTALLAZZJONI TA' DISPENSERS TAN-NEW WATER

2132. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 484, fejn intqal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja b'ħidma sabiex tirdoppja s-sistema tan-new water dispensers fi żmien tliet snin, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjan għat-tkabbir? Jekk dan il-pjan għadu ma ġiex iffinalizzat, tista' tindika meta mistenni jkun lest u disponibbli? Tista' tgħid ukoll kemm-il new water dispenser ġdid huwa ppjanat li jiġi installat fl-akkwati tal-Għadira f'Kerċem, tindika l-postijiet fejn ser jiġu installati, u meta huwa ppjanat li jitwaħħlu u jkunu operattivi? Tista' tgħid x'inhu l-baġit allokat għal dan il-proġett u minn liema fondi ser jiġi ffinanzjat?

23/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jerġa' jaqra t-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 484 għax ikkwota ħażin. Dak li ntqal fit-tweġiba huwa li t-tkabbir tal-impjant għandu jwassal biex il-produzzjoni ta' New Water tirdoppja fi żmien tliet snin. Is-sistema tad-dispensers li permezz tagħhom dan l-ilma jasal għand il-bdiewa hija xi ħaġa oħra.
Kif diġà spjegajt fl-istess tweġiba tali pjan ta' tkabbir qiegħed fl-istadju li jiġi mfassal f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KERĊEM – MAIN DISPENSER TAN-NEW WATER – ĦSARAT

2133. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 485 dwar il-main dispenser tan-new water f'Kerċem, fejn intqal li dan issewwa u qed jopera b'mod normali, tista' l-Ministru tgħid min ikkonferma l-istat attwali ta' dan id-dispenser u f'liema data saret it-tiswija li ssemmiet fit-tweġiba? Tista' tikkonferma li l-vit tad-dispenser inkiser u għaldaqstant mhux biss ma jistax jitqies bħala operattiv, iżda lanqas huwa possibbli li jitqassam l-ilma? Tista' tgħid ukoll x'miżuri ser jittieħdu sabiex dan jibda jopera b'mod affidabbli u kontinwu, speċjalment fl-eqqel tas-sajf, u ma jibqax iġarrab ħsarat ripetuti?

23/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li kull darba li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ssewwi dan id-dispenser, qed jiġi vandalizzat minn terzi u dwar dan anke sar rapport lill-Pulizija. Infurmata wkoll li meta ngħatat din it-tweġiba d-dispenser kien qed jaħdem kif suppost. F'każ li l-Onor. Interpellant ikollu xi informazzjoni li tista' tgħin lill-Pulizija fl-investigazzjoni tajjeb li jgħaddiha.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IL-QALA U R-RABAT, GĦAWDEX – TRASPORT PUBBLIKU DIRETT

2134. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistix servizz tat-trasport pubbliku dirett bejn il-Qala u r-Rabat, Għawdex? Jekk le, liema servizz ta' trasport pubbliku jistgħu jużaw ir-residenti tal-Qala biex imorru r-Rabat? Minn liema toroq jgħaddi dan is-servizz u x'inhu l-ħin stmat tal-vjaġġ? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu jew huma ppjanati sabiex is-servizz tat-trasport pubbliku f'Għawdex isir aktar effiċjenti, konvenjenti u attraenti għall-utenti?

23/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

DIRETTIVA 2024/1799 DWAR REGOLI KOMUNI GĦALL-PROMOZZJONI TAT-TISWIJA TA' OĠĠETTI (RIGHT TO REPAIR)

2170. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslet it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2024/1799 dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti (Right to Repair) fil-liġi nazzjonali? Jista' jgħid ukoll jekk dan hux ser iseħħ qabel l-iskadenza stabbilita mill-Unjoni Ewropea tal-31 ta' Lulju 2026?

24/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva qiegħda fl-aħħar stadji tagħha u ser tiġi parzjalment trasposta permezz ta' leġislazzjoni sussidjarja taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta). Peress li din id-Direttiva qed temenda wkoll id-Direttiva (UE) 2019/771 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti li qiegħda trasposta fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, din l-emenda ħa tkun riflessa separatament f'Abbozz li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li wkoll qiegħed fi stadju avvanzat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

L.S. 524.02 - KUNDIZZJONIJIET ĠENETIĊI ĠODDA

2234. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma s-17-il kundizzjoni ġenetika li ġew miżjuda dan l-aħħar mal-lista oriġinali tad-disa' kundizzjonijiet stabbiliti taħt it-Taqsima 11 tal-Protokoll dwar l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni (L.S. 524.02)? Jista' jgħid ukoll x'kien il-proċess u l-kriterji kliniċi li fuqhom l-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni (EPA) approvat dawn il-kundizzjonijiet il-ġodda?

27/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista tas-17-il kundizzjoni ġenetika ġiet ippubblikata fl-Avviż Legali nru. 207/2026. L-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni kellha rikjesta mingħand il-konsulenti kliniċi biex tidħol din il-lista ta' 17-il kundizzjoni.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SPTAR MATER DEI – PROĠETT TA' ESTENSJONI – FINANZJAMENT TA' FONDI EWROPEJ

2322. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1612, fejn intqal li "l-fondi Ewropej li oriġinarjament kienu ppjanati sabiex jikkonfinanzjaw l-Estensjoni tal-Emerġenza fl-isptar ġew allokati fuq proġetti infrastrutturali oħra", jista' l-Ministru jgħid liema huma dawn il-proġetti u kemm ġew allokati fondi Ewropej għal kull wieħed minnhom?

28/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Kif spjegat fit-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 1612, il-fondi allokati għall-estensjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza fi ħdan Mater Dei ġew trasferiti għal proġetti infrastrutturali oħra. Fil-fatt, l-allokazzjoni ta' €35 miljun minn Fondi tal-UE maħsuba għal dan il-proġett ġiet trasferita, flimkien ma' fondi oħra, lejn interventi li jindirizzaw Akkomodazzjoni Affordabbli (Affordable Housing) u għal finanzjament ta' infrastruttura marbuta mal-enerġija.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI

2323. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1691, fejn intqal li "l-piż finanzjarju biex tiġi żmantellata vettura għandu jinġarr minn min ikun poġġa l-vettura fuq is-suq oriġinarjament", tista' l-Ministru tgħid jekk hijiex qed tirreferi għall-konsumatur jew għall-importatur/bejjiegħ?

28/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li insegwitu ta' Leġislazzjoni Ewropea li tirregola l-vetturi u l-batteriji, il-piż finanzjarju biex tiġi żmantellata vettura u tiġi trattata l-batterija tagħha għandu jinġarr minn min ikun poġġa tali vettura fuq is-suq oriġinarjament. Il-liġi Ewropea tirreferi għal min jimmanifattura, jimporta jew jiddistribwixxi u jpoġġi fuq is-suq b'mod professjonali tali vettura. F'każ ta' individu li jpoġġi fuq is-suq tali vettura jkun responsabbli hu sakemm ma tiġix trasferita.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI

2324. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1692, fejn intqal li "l-piż finanzjarju biex tiġi żmantellata vettura għandu jinġarr minn min ikun poġġa l-vettura fuq is-suq oriġinarjament", jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex qed jirreferi għall-konsumatur jew għall-importatur/bejjiegħ?

28/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MARSA JUNCTION – LIFTS GĦALL-BRIDGE PEDONALI

2333. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jerġgħu jibdew jaħdmu l-lifts għall-bridge pedonali li jintuża biex jaqsam il-Marsa Junction minn Raħal Ġdid?

30/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

KAPAĊITÀ TAS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ – PJAN TAL-GVERN

2476. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm qed tiġi kkunsidrata b'serjetà l-problema tal-kapaċità tas-sistema tad-drenaġġ, fid-dawl tat-tkabbir urban u demografiku ta' Malta, u x'inhu l-pjan tal-Gvern biex jiġi żgurat li l-infrastruttura tad-drenaġġ tlaħħaq mal-iżvilupp preżenti u tal-futur?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 2464.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ESPOŻIZZJONI GĦALL-ILMA MORMI/KONTAMINAT – KAŻIJIET TA' PROBLEMI TAS-SAĦĦA

2477. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx data dwar infezzjonijiet, mard jew problemi tas-saħħa relatati ma' espożizzjoni għall-ilma mormi jew kontaminat, kemm ġew irrappurtati każijiet u x'kienet in-natura ta' dawn il-każijiet?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-ewwel parti tal-mistoqsija lill-Ministeru konċernat, ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rċeviet l-ebda rapport f'dan ir-rigward.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ILMIJIET KOSTALI U ŻONI TAL-GĦAWM – KAŻIJIET TA' KONTAMINAZZJONI/TRAĊĊI TA' DRENAĠĠ

2478. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew identifikati każijiet ta' kontaminazzjoni jew traċċi ta' drenaġġ f'ilmijiet kostali jew f'żoni ta' għawm matul l-aħħar ħames snin, u f'liema lokalitajiet?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MONITORAĠĠ GĦALL-ILMA MORMI

2479. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'monitoraġġ qed isir biex jiġi żgurat li l-ilma mormi jkun qed jiġi trattat skont l-istandards meħtieġa u li ma jkunx qed jikkawża riskji għas-saħħa pubblika jew għall-ambjent?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 2464.

Seduta Numru 23
14/10/2026

PROBLEMI FIS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ – ILMENTI/RAPPORTI

2480. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew irreġistrati ilmenti jew rapporti relatati ma' problemi tad-drenaġġ, inkluż overflow, ħruġ ta' ilma mormi, riħa jew problemi fis-sistema tad-drenaġġ, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-maġġoranza assoluta tal-ilmenti jirriżultaw minn rimi llegali tal-ilma tax-xita u ta' materjali li ma jistgħux jintremew fin-network tad-drenaġġ, u li sussegwentement jikkawżaw sadd u żbroffi fin-network. F'dan ir-rigward, fl-2021 kienu reġistrati 3,622 ilment; 2,901 fl-2022; 2,953 fl-2023; 2,714 fl-2024; u 2,671 fl-2025.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ILMA MORMI FIL-BAĦAR

2481. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fejn jispiċċa l-ilma mormi li, wara t-trattament jew għal kwalunkwe raġuni oħra, jintrema' fil-baħar, u f'liema każijiet dan l-ilma jkun trattat qabel ma jintrema?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 2464.

Seduta Numru 23
14/10/2026

PERSUNI JGĦIXU BID-DIJABETE

2672. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm qed jgħixu persuni bil-kundizzjoni tad-dijabete f'Malta?

16/09/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ARUC – RAPPORT ANNWALI – SENA 2025

2673. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid meta ser joħroġ ir-rapport annwali tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) għas-sena 2025 li jinkludi l-audited accounts?

16/09/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija ġiet imwieġba f'mistoqsija parlamentari 34263 fil-leġiżlatura XIV (14).

Seduta Numru 23
14/10/2026

AFM – ASSIGURAZZJONIJIET

2740. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid:
i. jekk il-Ministeru għamilx xi studju dwar kif l-inabbiltà li tinkiseb assigurazzjoni fuq il-ħajja qed taffettwa l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM), partikolarment dawk b'familji żgħar jew dawk li qed jippruvaw jiksbu self għad-djar (home loans);
ii. kemm kien hemm każijiet fl-aħħar ħames snin fejn familji ta' suldati tal-AFM li tilfu ħajjithom jew weġġgħu serjament spiċċaw f'diffikultajiet finanzjarji minħabba n-nuqqas ta' polza tal-assigurazzjoni kummerċjali; u
iii. x'inhi r-raġuni li sal-lum, minkejja r-riskji inerenti fil-professjoni militari, l-Istat għadu ma intervjeniex biex joffri soluzzjoni komprensiva u permanenti għal din il-lakuna fil-protezzjoni soċjali tas-suldati tagħna?

17/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – VJAĠĠI

2741. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid, separatament għal kull rotta tat-trasport pubbliku:
i. kemm kien hemm vjaġġi skedati;
ii. kemm minnhom effettivament saru;
iii. kemm ġew ikkanċellati jew twaqqfu qabel waslu fid-destinazzjoni;
iv. kemm-il kilometru ta' servizz ma sarx; u
v. ir-raġuni għal kull kanċellazzjoni jew terminazzjoni bikrija,
minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' wkoll iqiegħed din l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – LIVELLI TA' PUNTWALITÀ

2742. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid, separatament għal kull rotta, liema perċentwal tal-karozzi tal-linja telaq fil-ħin u liema perċentwal wasal fil-ħin, skont l-istandards stabbiliti fil-kuntratt tal-obbligu ta' servizz pubbliku minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll liema kienu l-għaxar rotot bl-agħar livell ta' puntwalità u x'miżuri korrettivi ġew ordnati?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – KAROZZI TAL-LINJA LI MA WAQFUX BIEX ITELLGĦU L-PASSIĠĠIERI

2743. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati każijiet fejn karozza tal-linja ma waqfitx biex ittella' passiġġieri minħabba li kienet mimlija, minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi ċ-ċifri skont ir-rotta, il-waqfa, id-direzzjoni, ix-xahar u l-ħin tal-ġurnata, u jispjega kif dawn il-każijiet qegħdin jiġu identifikati u rreġistrati?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – IFFULLAR FIL-KAROZZI TAL-LINJA – REVIŻJONI TAL-METODOLOĠIJA

2744. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta lestietx ir-reviżjoni tal-metodoloġija użata fl-ispezzjonijiet dwar l-iffullar żejjed fil-karozzi tal-linja, kif imħabbar f'Lulju 2026? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:
i. il-metodoloġija preċedenti u dik riveduta;
ii. id-data meta bdiet tintuża l-metodoloġija l-ġdida;
iii. ir-rotot, il-postijiet u l-ħinijiet koperti mill-ispezzjonijiet; u
iv. in-numru ta' każijiet ta' iffullar żejjed identifikati bil-metodoloġija l-ġdida?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – KAROZZI TAL-LINJA

2745. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha karozzi tal-linja għad-dispożizzjoni tagħha l-kumpanija li tħaddem is-servizz tat-trasport pubbliku, ikklassifikati skont il-mudell, l-età, it-tip ta' fjuwil, in-numru ta' postijiet bilqiegħda u l-kapaċità totali awtorizzata? Jista' jgħid ukoll:
i. kemm karozzi tal-linja jitħaddmu fil-ħinijiet tal-ogħla domanda filgħodu u filgħaxija;
ii. x'inhu n-numru medju ta' karozzi li kuljum ma jkunux disponibbli minħabba manutenzjoni jew ħsarat mekkaniċi; u
iii. jekk nuqqas ta' karozzi tal-linja jew ta' sewwieqa wassalx għall-kanċellazzjoni ta' vjaġġi?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni dwar il-karozzi tal-linja għad-dispożizzjoni tal-kumpanija li topera s-servizz tat-trasport pubbliku, ikklassifikati skont il-mudell, is-sena tal-manifattura, it-tip ta' fjuwil, in-numru ta' postijiet bilqiegħda u l-kapaċità totali awtorizzata, qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.
Il-kapaċità tal-passiġġieri hija stabbilita fiċ-Ċertifikat ta' Konformità tal-vettura.
L-ispezzjonijiet u l-manutenzjoni regolari tal-vetturi jsiru matul il-lejl, tal-inqas darba fix-xahar, sabiex matul il-ġurnata l-kumpanija jkollha l-vetturi meħtieġa biex tipprovdi s-servizz ikkuntrattat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

L-ISPTAR MATER DEI – ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTURI – KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PARKEĠĠ

2763. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ħaddiema li jagħtu servizz fl-Isptar Mater Dei imma mħaddma minn kuntratturi għandhomx kundizzjonijiet differenti fejn jidħol il-parkeġġ tal-vetturi tagħhom waqt il-ħin tax-xogħol u jekk tvarjax bejn kumpanija u oħra li toffri dawn il-ħaddiema?

17/09/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li impjegati tal-kuntratturi differenti li jipprovdu servizzi fl-Isptar Mater Dei m'għandhomx kundizzjonijiet differenti bejniethom fir-rigward tal-parkeġġ tal-vetturi tagħhom waqt il-ħin tax-xogħol.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IR-RABAT, MALTA – TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER

2764. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2024, jista' l-Ministru jagħti update ta' x'sar f'dawn l-aħħar tliet xhur fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat, Malta, fid-dawl li dalwaqt se jerġgħu jibdew l-iskejjel u ser jiżdied iktar l-użu ta' din it-triq u magħha jiżdiedu l-inkonvenjenzi, ħsarat lir-residenti u perikli?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MTA – SPONSORSHIPS – SENA 2025

2949. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali fi sponsorships li ħallset l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jew li l-MTA għandha commitment li tħallas, avolja għadhom ma tħallsux, matul l-2025 separatament? Jista' jgħid ukoll kif kienu maqsuma dawn l-isponsorships, lil min tħallsu jew għandhom jitħallsu u kemm hu l-valur f'kull każ?

28/09/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ma tistax tingħata peress li hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MTA – SPONSORSHIPS – SENA 2026

2950. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali fi sponsorships li ħallset l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jew li l-MTA għandha commitment li tħallas, avolja għadhom ma tħallsux, matul l-2026 separatament? Jista' jgħid ukoll kif kienu maqsuma dawn l-isponsorships, lil min tħallsu jew għandhom jitħallsu u kemm hu l-valur f'kull każ?

28/09/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2949.

Seduta Numru 23
14/10/2026

VISITMALTA – SPONSORSHIPS – SENA 2025

2951. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid xi sponsorships tħallsu jew huma kommessi li jitħallsu minn VisitMalta, matul l-2025? Jista' jgħid ukoll lil liema organizzazzjonijiet pubbliċi, privati jew volontarji tħallsu dawn l-istess sponsorships u kemm hu l-valur ta' kull għotja? Jista' jgħid ukoll kemm hi n-nefqa totali li fil-fatt tħallset għal dan il-għan, fil-perjodu msemmi?

28/09/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2949.

Seduta Numru 23
14/10/2026

VISITMALTA – SPONSORSHIPS – SENA 2026

2952. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid xi sponsorships tħallsu jew huma kommessi li jitħallsu, minn VisitMalta, matul l-2026? Jista' jgħid ukoll lil liema organizzazzjonijiet pubbliċi, privati jew volontarji tħallsu dawn l-istess sponsorships u kemm hu l-valur ta' kull għotja? Jista' jgħid ukoll kemm hi n-nefqa totali li fil-fatt tħallset għal dan il-għan, fil-perjodu msemmi?

28/09/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2949.

Seduta Numru 23
14/10/2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ – SPONSORSHIPS – SENA 2025

2953. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm sponsorships ingħataw mill-Aġenzija Żgħażagħ matul l-2025? Jista' jgħid ukoll lil liema organizzazzjonijiet tat sponsorships din l-istess aġenzija u kemm hu l-valur f'kull każ? Jista' jgħid ukoll kif tali organizzazzjonijiet jistgħu japplikaw għall-isponsorships, liema huma l-organizzazzjonijiet li fil-fatt gawdew minn dawn l-isponsorships fil-perjodu indikat, u kemm kienu l-fondi li ngħataw f'kull każ?

28/09/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul is-sena 2025, il-Ministeru għaż-Żgħażagħ, Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u Aġenzija Żgħażagħ ma taw l-ebda sponsorship lil organizzazzjonijiet.

Seduta Numru 23
14/10/2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ – SPONSORSHIPS – SENA 2026

2954. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm sponsorships ingħataw/ser jingħataw mill-Aġenzija Żgħażagħ matul l-2026? Jista' jgħid ukoll lil liema organizzazzjonijiet tat/ser tagħti sponsorships din l-istess aġenzija u kemm hu l-valur f'kull każ? Jista' jgħid ukoll kif tali organizzazzjonijiet jistgħu japplikaw għall-isponsorships, liema huma l-organizzazzjonijiet li fil-fatt gawdew/ser igawdu minn dawn l-isponsorships fil-perjodu indikat, u kemm kienu l-fondi li ngħataw/ser jingħataw f'kull każ?

28/09/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul din is-sena, inkluż sal-ġurnata li fiha qed tiġi imwieġba din il-mistoqsija parlamentari, il-Ministeru għaż-Żgħażagħ, Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u Aġenzija Żgħażagħ ma taw l-ebda sponsorship lil organizzazzjonijiet.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IL-FGURA – TRIQ MATER BONI CONSILII – BANDLI

3051. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-bandli tal-Fgura, li jinsabu fejn il-Club tal-Boċċi fi Triq Mater Boni Consilii, jingħalqux kompletament wara ċertu ħin?

01/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li l-bandli msemmija ma jingħalqux.

Seduta Numru 23
14/10/2026

COMMUNITY POLICE – SPEZZJONIJIET

3052. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Community Police f'lokalitajiet fejn hemm dan is-servizz, matul l-aħħar sena, maqsuma lokalità b'lokalità?

01/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li tindika s-sigħat ta' rondi mwettqa mill-Pulizija tal-Komunità f'Malta u Għawdex bejn Jannar u Settembru 2026, kif ukoll il-kilometri koperti waqt rondi bir-roti, li juru l-ħidma preventiva ta' din it-taqsima.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3064. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3065. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtha għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3066. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3067. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037 ta' din il-leġislatura.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3068. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3069. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 23
14/10/2026

BCA – SPEZZJONIJIET FUQ SITI TAL-KOSTRUZZJONI

3121. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet fuq siti ta' kostruzzjoni mill-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) mill-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn saru wara ilment jew rapport, kemm saru bħala spezzjonijiet skedati jew għall-għarrieda, u kemm uffiċjali huma assenjati biex jagħmlu dan ix-xogħol?

02/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3121, ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-ispezzjonijiet imwettqa mill-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni.
Ninsab ukoll infurmat li, sad-data li fiha qed tingħata din it-tweġiba, l-Awtorità għandha 24 uffiċjal assenjat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

CHARGING POINTS, PILLARS U CONNECTORS PUBBLIĊI GĦALL-VETTURI ELETTRIĊI

3122. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu n-numru attwali ta' charging points pubbliċi għall-vetturi elettriċi f'Malta u f'Għawdex, kemm hemm charging pillars u connectors individwali, u kemm minnhom huma installati, ikkummissjonati u operattivi?

02/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 570 charging points fuq is-sistema 'charge my ride'. Bħalissa għaddej il-proċess ta' identifikazzjoni u prijoritizzazzjoni tal-postijiet fejn ser jiġu installati charging pillars addizzjonali skont il-ħtiġijiet tal-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ADVANCED DIPLOMA (LIVELL 4) U L-BACHELOR'S DEGREE (LIVELL 6) IN VETERINARY NURSING – TAĦRIĠ MEĦTIEĠ

3163. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema taħriġ huwa meħtieġ għat-tlestija tal-korsijiet tal-Advanced Diploma (Livell 4) u l-Bachelor's Degree (Livell 6) in Veterinary Nursing, għall-istudenti rreġistrati, imma mhuwiex ipprovdut direttament mill-MCAST?

06/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li t-taħriġ meħtieġ f'dawn il-korsijiet huwa ipprovdut kollu direttament mill-MCAST. Ċertu ħiliet jiġu milħuqa b'mod aħjar meta l-istudent ikun f'kuntest prattiku ġewwa l-industrija. Dan isir b'intenzjoni bħala parti mil-mudell distributtiv użat mill-MCAST u f'istituzzjonijiet oħra lokali u internazzjonali.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MCAST - ADVANCED DIPLOMA (LIVELL 4) U BACHELOR'S DEGREE (LIVELL 6) IN VETERINARY NURSING - TAĦRIĠ PRATTIKU, INTERNSHIPS U APPRENTISTAT

3164. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-konsultazzjonijiet u arranġamenti li saru jew li għadhom isiru mas-settur privat rigward it-taħriġ prattiku, l-internships u l-apprentistat tal-istudenti tal-MCAST fil-korsijiet tal-Advanced Diploma (Livell 4) u l-Bachelor's Degree (Livell 6) in Veterinary Nursing?

06/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-istudenti f'dawn il-korsijiet jattendu ammont ta sigħat ta' taħriġ prattiku ġewwa kliniċi veterinarji u intrapriżi relatati mas-settur. Edukaturi li jgħallmu f'dawn il-korsijiet jmorru jżuru lill-istudenti bħala mentors u jiddiskutu mal-intrapriżi il-progress tal-istudenti u kwistjonijiet oħra relatati mal-kors u t-taħriġ prattiku.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IĊ-ĊITTADIN, L-AMBJENT U L-IŻVILUPP 2026 - APPOĠĠ FINANZJARJU

3165. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3023, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm appoġġ finanzjarju għall-konferenza "Iċ-Ċittadin, l-Ambjent u l-Iżvilupp 2026" u jikkwantifika l-ammont ta' tali appoġġ? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull kuntratt, ftehim, sponsorship agreement, purchase order jew dokumenti oħra relatati ma' tali appoġġ?

06/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: B'żieda mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3023 ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont kien ta' €5,000 (VAT eskluża).

Seduta Numru 23
14/10/2026

IĊ-ĊITTADIN, L-AMBJENT U L-IŻVILUPP 2026 - APPOĠĠ FINANZJARJU

3166. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3024, tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm appoġġ finanzjarju għall-konferenza "Iċ-Ċittadin, l-Ambjent u l-Iżvilupp 2026" u tikkwantifika l-ammont ta' tali appoġġ? Tista' wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull kuntratt, ftehim, sponsorship agreement, purchase order jew dokumenti oħra relatati ma' tali appoġġ?

06/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: B'żieda mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3024 ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont kien ta' €2,500 (VAT eskluża).

Seduta Numru 23
14/10/2026

IĊ-ĊITTADIN, L-AMBJENT U L-IŻVILUPP 2026 – SPONSORSHIP/APPOĠĠ FINANZJARJU

3167. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3022 u jgħid jekk il-Ministeru tiegħu, jew xi entità, aġenzija jew awtorità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sponsorjatx jew tat xi forma ta' appoġġ finanzjarju għall-avveniment bl-isem "Iċ-Ċittadin, l-Ambjent u l-Iżvilupp 2026"? Jekk iva, jista' jgħid ukoll liema entità jew entitajiet taw dan l-isponsorship jew appoġġ, kemm kien l-ammont imħallas jew imwiegħed minn kull waħda minnhom, u lil min sar jew se jsir il-ħlas? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull kuntratt, ftehim, sponsorship agreement, purchase order jew dokument ieħor li abbaži tiegħu sar jew se jsir dan il-ħlas?

06/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, Infrastructure Malta u l-Awtorità tal-Ippjanar taw appoġġ għall-konferenza "Iċ-Ċittadin, l-Ambjent u l-Iżvilupp 2026".

Seduta Numru 23
14/10/2026

SHORT-TERM ACCOMODATION – STUDJU DWAR L-IMPATT

3194. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru, l-Awtorità tad-Djar jew xi entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu għandhiex data jew wettqux studji jew analiżi dwar l-impatt tal-proprjetajiet residenzjali użati bħala akkomodazzjoni għal żmien qasir (short-term accommodation), inklużi dawk offruti permezz ta' pjattaformi bħal Airbnb, fuq il-provvista u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni residenzjali? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tali studji jew analiżi u jipprovdi d-data disponibbli maqsuma skont il-lokalità?

06/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-akkomodazzjoni għal żmien qasir għal skopijiet turistiċi f'Malta ma taqax taħt il-kompetenza regolatorja tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet. Il-ħidma mwettqa mill-Awtorità tad-Djar u mill-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli tiffoka primarjament fuq is-suq tal-proprjetà residenzjali, bil-għan li jkun hemm għarfien aħjar tal-ħtiġijiet fil-qasam tad-djar u tal-iżviluppi fis-suq. Din l-analiżi tgħin fit-tfassil u l-aġġornament ta' skemi u inċentivi eżistenti, kif ukoll fl-identifikazzjoni ta' mudelli alternattivi ta' akkomodazzjoni li jirrispondu b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-popolazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Ministeru kkummissjona wkoll studju dwar il-proprjetajiet vakanti f'Malta sabiex jiġu esplorati opportunitajiet għal użu aħjar mill-istokk eżistenti tad-djar. Ir-riżultati ta' dan l-istudju se jgħinu biex jittejjeb l-għarfien tagħna dwar il-provvista ta' akkomodazzjoni disponibbli u l-fatturi li jinfluwenzaw id-disponibbiltà tagħha meta mqabbla mad-domanda.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SHORT TERM ACCOMODATION – INFORMAZZJONI DWAR IL-PREŻENZA U L-IMPATT TAL-PROPRJETAJIET

3195. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Ministeru jew id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ġabrux informazzjoni mingħand il-Kunsilli Lokali dwar il-preżenza u l-impatt ta' proprjetajiet użati bħala akkomodazzjoni għal żmien qasir (short-term accommodation), inklużi dawk offruti permezz ta' pjattaformi bħal Airbnb, fil-lokalitajiet rispettivi? Jekk iva, tista' tipprovdi din l-informazzjoni maqsuma lokalità b'lokalità, inkluż kull tagħrif disponibbli dwar ilmenti jew rapporti relatati ma' storbju, skart, indafa, u pressjoni fuq servizzi jew infrastruttura lokali?

06/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali informazzjoni ma tingabarx mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS - ĦLASIJIET GĦAL SIGĦAT ŻEJDA

3199. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jitħallsu l-Allied Health Professionals li qed jaħdmu sigħat żejda barra l-ħin tagħhom biex jinqatgħu l-listi ta' stennija? Jista' jgħid ukoll għaliex, minkejja li dan ix-xogħol beda fil-bidu tas-sena, sal-lum dawn il-professjonisti għadhom ma tħallsux?

06/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tingabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

GĦOTJA GĦAX-XIRI TA' RESIDENZA

3217. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, għal kull sena mill-bidu tal-iskema tal-Għotja għax-Xiri ta' Residenza sal-aħħar data disponibbli fl-2026, kemm kienu x-xerrejja għall-ewwel darba, ix-xerrejja għat-tieni darba jew il-benefiċjarji tal-għotja miżjuda marbuta mad-diżabilità?

07/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda fit-tabella t'hawn taħt:

Data tax-Xiri Tal-Proprjetà	1st Time Buyers	2nd Time Buyers *
2022	3723	226*
2023	3016	185*
2024	3044	184*
2025	2969	176*
2026 sas- 7/10/2026	227	2
Total	**12,979**	**773**

* Ma kkwalifikawx għall-1st time buyers għaliex l-iskema ma kinitx tippermetti bejn 2022 u 2025 imma mhux bilfors huma 2nd time buyers.
Peress li l-emenda tal-għotja miżjuda marbuta mad-diżabilità hija intiża għall-persuni li xtraw il-proprjetà fis-sena 2026 sa issa ma kellna l-ebda benefiċjarju li bbenefika mill-għotja miżjuda.

Seduta Numru 23
14/10/2026

GĦOTJA GĦAX-XIRI TA' RESIDENZA

3218. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, għal kull sena mill-bidu tal-iskema tal-Għotja għax-Xiri ta' Residenza sal-aħħar data disponibbli fl-2026, kemm-il applikazzjoni tilfet pagamenti minħabba sottomissjoni tardiva, kemm-il għotja twaqqfet u għal liema raġuni, u l-valur tal-pagamenti futuri marbuta mal-għotjiet approvati, suġġetti għat-tkomplija tal-eliġibbiltà?

07/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fir-rigward tal-applikazzjonijiet li tilfu d-dritt għall-pagament minħabba s-sottomissjoni tardiva, fl-2022 kien hemm 46 applikazzjoni, fl-2023 kien hemm 230 applikazzjoni, fl-2024 kien hemm 54 applikazzjoni u fl-2025 kien hemm 17-il applikazzjoni, filwaqt li fl-2026 ma kien hemm l-ebda applikazzjoni f'din il-kategorija. Fir-rigward tal-għotjiet li twaqqfu, fl-2022 twaqqfu 144 applikazzjoni, fl-2023 twaqqfu 57 applikazzjoni, fl-2024 twaqqfu 24 applikazzjoni, fl-2025 twaqqfu 12-il applikazzjoni u fl-2026 twaqqfu żewġ applikazzjonijiet. It-twaqqif ta' dawn l-applikazzjonijiet kien dovut għal diversi raġunijiet, fosthom meta l-proprjetà ġiet trasferita lil terzi, meta s-self relatat mal-proprjetà tħallas kollu kemm hu, jew meta l-proprjetà bdiet tinkera lil terzi mis-sidien tagħha. Fir-rigward tal-pagamenti, dawn isiru matul ix-xahar ta' Ġunju ta' kull sena, u għalhekk, fir-rigward tal-pagament dovut f'Ġunju tal-2027, l-Awtorità tad-Djar għandha, sal-lum, ammont ta' €9,073,400. Fl-aħħar nett, bħalissa hemm 738 applikazzjoni pendenti, li għadhom qegħdin jiġu vverifikati mill-Awtorità tad-Djar sabiex jiġi stabbilit jekk jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibilità.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SKEMA TAL-10% DEPOŻITU U SKEMA TA' QSIM TA' EKWITÀ - NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET MIĊĦUDA

3219. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jipprovdi, separatament għall-iskema tal-10% Depożitu u għall-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, in-numru ta' applikazzjonijiet miċħuda minħabba:
(a) dħul ogħla mil-limitu, kemm qabżuh b'sa €1,000, b'bejn €1,001 u €5,000, u b'aktar minn €5,000;
(b) dħul taħt il-minimu applikabbli jew insuffiċjenti għall-ħlas tas-self;
(ċ) età;
(d) assi jew ownership ta' proprjetà oħra;
(e) prezz jew valur tal-proprjetà ogħla mill-limitu;
(f) nuqqas ta' konformità ma' kriterji oħra tal-bank; jew
(g) raġunijiet oħra, li għandhom jiġu speċifikati?
Jista' l-Ministru jiddistingwi bejn ċaħdiet mill-Awtorità u dawk mill-bank, u jgħid kemm-il applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorità iżda sussegwentement miċħuda mill-bank? Fejn applikazzjoni għandha aktar minn raġuni waħda, jista' jiċċara dan sabiex jiġu evitati kalkulazzjonijiet doppji?

07/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

STRUTTURI ILLEGALI - SENA 2025

3220. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1432, jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalità kienu jinstabu l-każijiet ta' strutturi li sal-aħħar tas-sena 2025 li għalkemm ħallsu l-multa massima kienu għadhom illegali, irregolari jew mhux sanzjonati u jekk inbidilx l-istatus tagħhom mill-aħħar tal-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 23
14/10/2026

PROPRJETAJIET MIXTRIJA MINN ĊITTADINI MHUX MALTIN

3221. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il proprjetà f'Malta u f'Għawdex inxtrat minn persuni li ma kinux ċittadini Maltin fil-mument li sar il-kuntratt bejn is-sena 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

07/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 23
14/10/2026

BIRŻEBBUĠA - KONKOS FI TREJQA

3222. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għamlitx investigazzjoni dwar konkos li sar fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu, fil-limiti ta' Birżebbuġa? Jekk iva, jista' jgħid x'kien ir-riżultat u/jew x'azzjoni ttieħdet u/jew ser tittieħed?

07/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI - INVESTIMENT TAĦT IL-PJAN SOĊJALI GĦALL-KLIMA

3223. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-1,431 unit ta' akkomodazzjoni soċjali li mistennija jibbenefikaw mill-installazzjoni ta' heat pump water heaters u sistemi fotovoltajċi bil-batteriji taħt il-Pjan Soċjali għall-Klima, u jipprovdi lista tagħhom maqsuma skont il-lokalità u l-blokka? Jista' jgħid ukoll liema huma l-236 unità ta' akkomodazzjoni soċjali magħżula jew ikkunsidrati għal deep renovation, lokalità b'lokalità, u xi kriterji speċifiċi se jintużaw sabiex jiġu magħżula l-benefiċjarji?

07/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

GĦOTJIET FINANZJARJI GĦAX-XIRI TA' VETTURI ELETTRIĊI

3224. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema ta' għotjiet finanzjarji għax-xiri ta' vetturi elettriċi hijiex ser titkompla matul is-sena 2027? Jekk iva, jista' jgħid jekk humiex ser jinżammu l-istess kundizzjonijiet u livelli ta' għotjiet bħal dawk applikabbli fl-2026?

07/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI

3225. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjan biex jindirizza l-piż finanzjarju li jista' jaqa' fuq sid ta' vettura elettrika meta din il-vettura tkun trid tiġi skrappjata, partikolarment minħabba l-ispejjeż marbuta mat-trattament u r-rimi tal-batterija? Fid-dawl ta' rapporti ta' każijiet fejn konsumaturi ntalbu jħallsu spejjeż li allegatament laħqu l-€10,000, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jiġu kkunsidrati sabiex dawn l-ispejjeż ma jaqgħux fuq il-konsumatur?

07/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

IL-PJAN TA' MALTA GĦALL-FOND SOĊJALI TAL-KLIMA - SEJĦIET

3226. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid liema sejħiet għall-applikazzjonijiet u/jew sejħiet għall-offerti huma mistennija li jinħarġu taħt il-Pjan ta' Malta għall-Fond Soċjali tal-Klima li tnieda fis-6 ta' Ottubru 2026? Jista' wkoll, għal kull sejħa, jagħti d-data indikattiva tal-ħruġ tagħha, il-baġit allokat, il-benefiċjarji eliġibbli u l-entità responsabbli mill-implimentazzjoni?

07/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara t-tnedija tal-Pjan ta' Malta għall-Fond Soċjali għall-Klima fis-6 ta' Ottubru 2026, il-Gvern qed jipproċedi bit-tħejjijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-investimenti previsti fil-Pjan.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3258. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3259. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3260. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3261. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3262. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hi responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, tipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3263. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

WIED IL-QLEJGĦA – TINDIF

3279. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se jiġi mnaddaf it-terrapien li ntrema f'Wied il-Qlejgħa? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx CCTV cameras jaħdmu fl-akkwati biex tara min kien responsabbli?

07/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara spezzjoni li saret fuq il-post minn uffiċjali ta' Project Green, irriżulta li l-materjal li għalih qed jirreferi jinsab f'għalqa privata u għaldaqstant ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija.

Seduta Numru 23
14/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI – BAĠIT ALLOKAT

3314. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3080 u jgħid kemm kien il-baġit allokat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Anzjani fl-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm effettivament intnefaq minn dawn l-allokazzjonijiet?

08/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - KUNTRATTI

3315. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippreżenta lista tal-kuntratti kollha li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tat lil entitajiet privati għall-provvista ta' servizzi lill-anzjani matul l-2024, l-2025 u l-2026, u għal kull kuntratt jagħti l-isem tal-kuntrattur, is-servizz ipprovdut, il-valur tal-kuntratt, id-data tal-għoti, it-tul tal-kuntratt, in-numru ta' benefiċjarji u jekk kienx hemm estensjonijiet jew varjazzjonijiet fil-valur tal-kuntratt?

08/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - PROFESSJONISTI ESTERNI

3316. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il konsulent, advisor, expert jew professjonist estern kien ingaġġat mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità matul l-2024, l-2025 u l-2026, maqsuma sena b'sena u għal kull persuna jew entità, jagħti l-isem, is-servizz jew il-konsulenza mogħtija, id-data tal-ħatra, it-tul tal-kuntratt u l-valur totali tal-kuntratt?

08/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 23
14/10/2026

RAĦAL ĠDID - PJAZZA FRA ANTOINE DE PAULE - STREET FURNITURE - SPIŻA

3356. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża totali għax-xiri u l-installazzjoni tal-istreet furniture fi Pjazza Fra Antoine De Paule, f'Raħal Ġdid?

09/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba relatata mal-mistoqsija parlamentari 3045.

Seduta Numru 23
14/10/2026

RAĦAL ĠDID - TRIQ GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET - SPIŻA

3357. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa x-xogħol li wettqet Infrastructure Malta fi Triq Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid fl-ewwel nofs tas-sena 2026?

09/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba relatata mal-mistoqsija parlamentari 3090.

Seduta Numru 23
14/10/2026

L.S. 350.14 – PBS – INFURZAR

3358. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1121 u 1620 u jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

09/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

MINISTERU GĦALL-FINANZI – AWDITUR ĠENERALI – RAKKOMANDAZZJONIJIET

W431. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rakkomandazzjonijiet mill-Awditur Ġenerali jew minn awtoritajiet regolatorji li ġew implimentati mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħtu matul l-aħħar ħames snin?

22/07/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W421.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – AWDITUR ĠENERALI – RAKKOMANDAZZJONIJIET

W434. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rakkomandazzjonijiet mill-Awditur Ġenerali jew minn awtoritajiet regolatorji li ġew implimentati mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħtu matul l-aħħar ħames snin?

22/07/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W421.

Seduta Numru 23
14/10/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – AWDITUR ĠENERALI – RAKKOMANDAZZJONIJIET

W441. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rakkomandazzjonijiet mill-Awditur Ġenerali jew minn awtoritajiet regolatorji li ġew implimentati mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħtu matul l-aħħar ħames snin?

22/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W421

Seduta Numru 23
14/10/2026